# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-15-il laqgħa tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2025 fis-5:45 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Skużati**:

| | |
|---|---|
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |

**Uffiċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresediet il-laqgħa.

**15.01 Talba**

15.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**15.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

15.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li l-Kunsillier Galea infurmana b'email li ma jistax jattendi l-laqgħa għal raġunijiet ta' saħħa filwaqt li l-Kunsillier Ghigo infurmana li kien ser jasal ftit tard għal-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol.

**15.03 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 14**

15.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa numru 14 ġew approvati unanimament. Is-Sindku pproponiet u l-Kunsillier Sciberras issekonda.

**15.04 Komunikazzjoni mis-Sindku**

15.04.01 Is-Sindku infurmat li kien hemm il-*public hearing* tal-applikazzjoni PA/00350/22 fejn din ġiet posposta għal nhar it-3 ta' Lulju 2025 għaliex min-naħa tal-applikanti, il-*mitigation measures* ma ssottomettewhomx fil-ħin. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.02 Is-Sindku infurmat li għall-*information meeting* dwar applikazzjoni PA/6752/20, is-Sindku ma setatx tidħol għal-laqgħa għax bi żvista ma ġietx inkluża min-naħa tal-*Planning Board*. Madanakollu, il-*case officer* se jkun qed jagħmel laqgħa magħha dwar din l-applikazzjoni li diġa' qiegħda rakkomandata biex ma jingħatax il-permess. Il-*public hearing* huwa skedat għal nhar is-26 ta' Ġunju 2025, fejn is-Sindku se tkun qed tivvota kontra, skond id-deċiżjoni unanima tal-Kunsill.

15.04.03 Is-Sindku infurmat li s-CCTVs (Pjazza, Ġnien Missjoni, Ġnien Tfal ir-Raħal u BIS Triq il-Barrieri) bdew jaħdmu mill-biera 18 ta' Ġunju 2025. Hija qalet li kif maqbul f'laqgħat preċedenti, infurmajna lil-LESA biex waqt il-moniteraġġ, tingħata konċessjoni lil *delivery*

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


*vans* li jwasslu x-xogħol fil-ħwienet, bars, każini fil-Pjazza, kif ukoll il-*coaches* tat-tfal tal-iskola kif ukoll dawk li jkunu maqlugħin għal xi ħarġiet. Fil-jiem tal-festi u/jew meta jkun hemm xi attività fil-Pjazza, ser issir talba biex tiġi temporanjament sospiża l-*camera* biex waqt il-preparazzjoni u l-armar tal-attività /tal-festa, ċertu vetturi jkollhom aċċess biex jaħdmu fil-pjazza.

15.04.04 Is-Sindku infurmat li rċevejna kuntratt mingħand ir-Reġjun dwar iż-żamma u l-manutenzjoni tal-librerija. Hija kompliet li tkellmet mal-*Malta Libraries* fejn insistiet magħhom li l-kuntratt mhux se jiġi ffirmat. Is-Sindku kompliet tispjega li kif anke kien ġie deċiż fil-leġiżlatura preċedenti, ladarba ma nħallsux għall-manutenzjoni iżda nħallsu biss il-parti li tittratta s-servizz tal-librara, ma jaqbilx li jiġu ffirmati l-ebda kuntratti, bħal dak li kien ġie ffirmat lura fl-2001 meta l-librerija kienet parti mill-bini tal-kunsill u mhux mill-bini tal-iskola. Is-Sindku ser tkun qed tiltaqa' ma' rappreżentanti tal-*Malta Libraries* dwar dan. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.05 Is-Sindku infurmat li rċevejna *MoU* dwar il-proġett tal-park li se jsir minn *Projects Green* fl-eks barriera fi Triq il-Qrendi. Hija infurmat li waħda mill-klawsoli f'dan l-*MoU* tgħid li wara 5 snin *maintenance agreement* minn *PG*, dan jaqa' fir-responsabiltà tal-Kunsill. L-*area* tas-sit hija waħda pjuttost kbira u l-Kunsill żgur li mhux se jkun f'pożizzjoni li jkun jista' jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħha u għaldaqstant dan l-*MoU* mhux se jiġi ffirmat. Is-Sindku se jkollha laqgħa ma' *Projects Green* dwar dan. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.06 Is-Sindku nfurmat li l-applikazzjoni għall-fondi SPI.SCI.05.2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Karnival 2026 ġiet sottomessa mill-uffiċċju. Filwaqt li l-applikazzjoni SPI.SCI.06.2025 - Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri fadal isir ftit xogħol ieħor fuqha biex tkun tista' tintbgħat ukoll. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

15.04.07 Is-Sindku infurmat li wara diskussjoni li kellha mal-Perit tal-Kunsill dwar servizz mitlub li mhux qed jingħata fil-ħin, huwa qalilha li għandu problema b'nuqqas ta' ħaddiema. Il-Perit talab lis-Sindku biex terġa' toħroġ it-tender, fejn hija talbitu jibgħat b'mod formali dwar dan biex inkunu nistgħu nipproċedu kif meħtieġ. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.08 Is-Sindku infurmat li r-rotta tal-linja 117 u 218 se tkun qed topera kif suppost minn Lulju 2025, fejn se tkun qed tiġi mħabbra ma' rotot oħra ġodda, mill-Ministru. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.09 Is-Sindku qalet li waqt il-laqgħa tar-Reġjun, hija qajjmet xi punti, fosthom li s-servizzi tal-LESA m'għadhomx jingħataw b'30% discount lill-Kunsilli Lokali iżda b'15% u li din se tagħmlilna ħafna differenza. Semmiet ukoll li s-servizz tal-immaniġġjar tat-traffiku mil-LESA m'għadnix nistgħu nibbukkjawh sew minn qabel, speċjalment dak fil-jiem tal-Festa ta' Santa Marija, fejn ikun hawn ħafna festi fl-istess jiem. Dan għaliex l-ordni ma tistax tintbgħat qabel ma tinħareġ id-DPN tal-Pulizija u n-No Objection ta' TM wara li ssir talba għall-għeluq tat-toroq mis-Soċjetajiet (fil-każ tal-festi) u mhux iktar mill-Kunsill. Is-Sindku tkellmet ukoll dwar in-No Parking Signs marbuta ma' permessi ta' makkinarju u oħrajn li skond il-LESA ma jistgħux jeħlu ma' bollards kif isir mill-pulizija, iżda jridu jeħlu mal-ħitan jew ma' xi ħaġa fissa, altrimenti jekk ikun meħtieġ it-towing, dan ma jsirx. Punt ieħor li tkellmet dwaru s-Sindku hu li s-servizzi tal-LESA jingħataw biss bi ħlas minn qabel, meta l-prassi tal-Kunsill hija li l-pagamenti jitpoġġew għall-approvazzjoni fuq skeda tal-

pagamenti biex dawn jitħallsu wara li jkun ingħata s-servizz. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dawn il-punti.

15.04.10 Is-Sindku infurmat li dik is-siġra l-kbira tal-*Ficus*, bdiet titqaċċat wara li stajna nagħmlu dan fuq struzzjonijiet tal-ERA li infurmatna li dik mhix siġra protetta. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.11 Rigward it-travi tal-injam fl-Isptar il-Qadim, is-Sindku infurmat li hemm 3 minnhom hemm bżonn jinbidlu għaliex ġarrbu wisq ħsara bis-susa. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u qablu li nġibu l-istimi sabiex it-travi jinbidlu.

15.04.12 Waqt il-laqgħa tar-Reġjun, is-Sindku talbet sabiex jiskedaw laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli sabiex jiġu diskussi problemi varji li hemm bħala Reġjun fejn tidħol ERA, *etc*. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.04.13 Is-Sindku infurmat li r-Rapport Tekniku dwar Triq il-Konvoj ta' Santa Marija huwa lest u fadal biss li jiġi kkonfermat min-naħa tal-*Partner* barrani tal-Kumpanija li ħadmet fuqu. Sal-ġimgħa d-dieħla għandu jkollna dan ir-rapport f'idejna. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

***Il-Kunsillier Ghigo ingħaqad magħna fil-laqgħa, fis-6:30pm.***

15.04.14 Is-Sindku infurmat li wara li tkellmet mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia, saret talba lill-Public Works sabiex jgħinuna fil-bini ta' bankina li tinħtieġ titkompla fi Triq Valletta. Min-naħa ta' Public Works intbgħat il-Perit sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol. Is-Sindku infurmat ukoll li nqala' argument bejn ħu min għamel it-talba għall-bankina u l-Perit tal-Public Works rigward l-għoli tal-imsemmija bankina. Mill-uffiċċju bagħtna lid-Dipartiment tal-Artijiet permezz tal-formola LC1, sabiex jiġi identifikat il-*building line* peress li qed jingħat li fejn hemm il-biċċa tal-bankina eżistenti li hi pjuttost għolja, hija fil-privat. Il-Kunsillieri qablu li nistennew risposta mingħand il-Lands u nimxu minn hemm.

15.04.15 Is-Sindku infurmat li minkejja d-deċiżjoni unanima tal-Kunsill sabiex ma jintramawx umbrelel fil-Pjazza, fejn anke lill-bar *'The Club'* tajnih risposta li ma jistax jarma umbrelel, dan xorta waħda waqqaf umbrella fuq il-bankina. Il-Kunsillieri ddiskutew dan u kien hemm qbil li nibagħtu bil-miktub lill-Pulizija, jekk nhar il-Ħadd li ġej terġa' tintrama l-imsemmija umbrella.

**15.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

15.05.01 Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk hux se jkun hemm *charging point* ladarba jitlesta l-proġett Onġi Onġella. Is-Sindku wiġbitu li dwar ċ-*charging points*, kien hemm qbil fejn għandhom jiġu suġġeriti l-installazzjoni tagħhom, fosthom f'Misraħ il-Fidwa. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.05.02 Il-Kunsillier Sciberras tkellem dwar korrispondenza li huwa bgħat wara l-aħħar laqgħa dwar l-użu ta' faċilitajiet sportivi b'xejn fosthom l-użu ta' pool, għall-anzjani. Fuq din kien hemm diskussjoni għaliex jidher li hemm xi disgwit għaliex kien hemm diversi komunikazzjoni dwar dan, kemm min-naħa tal-istaff, mis-Sindku u mill-Kunsillier Sciberras stess. Il-Kunsillieri qablu li l-Kunsillier Sciberras ser jipprova jagħmel kuntatt verbali ma' min hu konċernat biex forsi tiġi ċċarata l-informazzjoni li ninħtieġu f'isem xi residenti interessati.

15.05.03 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux definittiva li mhux ser titbaxxa l-bankina u /jew it-triq fi Sqaq l-Isptar kantuniera ma' Triq Mikelanġ Sapiano. Is-Sindku wieġbet li hemmhekk jintħieġ li jsir proġett sħiħ san-naħa t'isfel tal-isqaq fejn ukoll hemm xi problemi bid-drenaġġ. Hija kompliet li għal issa dan il-proġett ma jistax isir minħabba l-*commitments* kollha li diġà għandna. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.05.04 Il-Kunsillier Ghigo staqsa dwar meta se tibda topera r-rotta 117 u 218. Is-Sindku infurmatu li kif spjegat iktar kmieni f'din il-laqgħa, hija kellmet lis-CEO ta' TM dwar dan u qalilha li r-rotta se tibda topera, appena l-Ministru jħabbarha f'Lulju 2025, flimkien ma' rotot oħra ġodda. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

**15.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2024***

15.06.01 Rigward l-*Audited Financial Statments 2024* u l-*Management Letter* tal-awdituri, is-Sindku irrimarkat li hija mhix kuntenta bin-nuqqasijiet indirizzati fil-*management letter*. Hija elenkat xi wħud minnhom u kien hemm diskussjoni dwarhom mas-SE. L-*Audited Financial Statements 2024* ma ġewx approvati, u l-Kunsillieri qablu b'mod unanimu li jagħtu d-delega lis-Sindku biex tkun tista' tiffirmahom wara li tirrevedi u tevalwa d-differenza fil-figuri, bejniethom u bejn l-*Unaudited FS* kif kienu approvati mill-Kunsill. Rigward il-*management letter* kien hemm qbil ukoll li għandna nitolbu laqgħa urġenti mal-*accountant* biex tagħti spjega dwar kull nuqqas indikat. Il-laqgħa ġiet skedata għal nhar l-Erbgħa 25 ta' Ġunju 2025.

**15.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report – Jan-Mar 2025***

15.07.01 Is-Sindku flimkien mal-Kunsillieri daru r-Rapport Finanzjarju għall-ewwel kwart tas-sena 2025. Kien hemm xi mistoqsijiet li ser jiġu ndirizzati lill-*accountant* u għaldaqstant ir-rapport ma ġiex approvat. Dan ser jiġi ffirmat, bid-delega mill-Kunsillieri lis-Sindku, wara li jkollha l-informazzjoni mitluba mill-*accountant*.

**15.08 *Post-Mortem* – Festa Madonna tal-Ġilju 2025**

15.08.01 Is-Sindku rringrazzjat lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll dak Amministrattiv, li ħdimna tajjeb flimkien skond dak li kien ġie diskuss fil-laqgħa ta' qabel il-festa.

15.08.02 Rigward traffiku, is-Sindku semmiet li d-diversion fi Triq Mons Alfons Caruana xorta kienet problematika matul il-jum, fil-ħin li ma kienx hemm l-uffiċjali tal-LESA jimmaniġġjaw it-traffiku. Madanakollu ittaffiet ftit il-problema permezz tal-barriers li tniżżlu fuq il-post minn membri tal-armar.

Rigward Triq Ġanni Darmanin, s-Sindku infurmat li permezz tal-uffiċjali tal-LESA it-traffiku baqa' miexi u ma kienx hemm problemi.

Kien hemm ftit konfużjoni fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, fil-parti bejn fejn in-nies ikunu qed jaraw in-nar tal-ajru u l-parti fejn ikun hemm in-nar tal-art armat.

Kien hemm ukoll ftit tgergir dwar xi uffiċjali tal-LESA li bdew jitolbu l-*ID Card* lix-xufiera, meta dan ma kellu jsir fl-ebda l-ħin, għaliex l-istruzzjonijiet kienu ċari li Triq Valletta ħruġ biss via l-Belt, u d-dħul kien minn Triq Valletta lejn Triq il-Konvoj lejn Triq il-Barrieri skond id-diversion.

15.08.03 Fil-Pjazza inqalat kwistjoni lejliet il-festa dwar l-imwejjed u s-siġġijiet li l-Każin tal-PL u dak tal-PN ramawhom faċċata tal-Każini minflok quddiem il-każini rispettivi. Hawnhekk kellha tintervjeni l-pulizija u saret anke laqgħa mas-Sindku u l-Kunsillier Sciberras fejn ħareġ ċar li kien hemm min ma osservax il-metri mogħti lilu u li kienu ndikati fuq il-permess. Għall-futur se tingħata *siteplan* li tindika l-post eżatt, mal-permess, fejn għandhom jintramaw l-imwejjed u s-siġġijiet.

15.08.04 Rigward il-gabbani, kollox mexa sew, apparti li waħda mill-*kiosk owners* iddeċidiet li f'nhar il-festa tokkupa l-*bay* li hija propju l-*bay* li jarmawha f'isem is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju. Is-Sindku infurmat lill-pulizija, għaliex din it-tali *kiosk owner* ma riditx tersaq minn ġol-imsemmija *bay*.

15.08.05 Il-bqija kollox mar sew fosthom id-drink li l-Kunsill jagħti waqt il-purċissjoni, l-istandby ambulance, kif ukoll il-mobile toilets.

15.08.06 Ġie deċiż ukoll li wara l-Festa ta' Santa Marija, issir laqgħa mal-barmen u mal-pulizija rigward l-armar ta' mwejjed u siġġijiet.

**15.09** ***Festa Santa Marija 2025***

15.09.01 Is-Sindku semmiet il-laqgħa mal-Kumitat tas-Soċjetà Santa Marija, li nżammet nhar it-Tlieta 17 ta' Ġunju 2025 fejn kienet avżat dwarha fil-*WhatsApp Chat*. Għal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Ghigo.

15.09.02 Waqt il-laqgħa, il-Kumitat ġie infurmat li minn din il-festa jridu japplikaw huma ma' Transport Malta rigward l-għeluq tat-toroq, u mal-Pulizija bħas-soltu rigward id-DPN. Dan sabiex b'hekk ikun jista' joħroġ in-*No Objection* ta' TM u hekk il-Kunsill ikun jista' jibbukkja l-Uffiċċjali tal-LESA biex jimmaniġġjaw it-traffiku lejliet u nhar il-festa. Però għal din is-sena, l-uffiċċjali tal-LESA lħaqna ibbukkjajnihom fl-istess żmien li konna bbukkjanihom għall-Festa tal-Ġilju, u għaldaqstant, m'hemmx għalfejn nistennew in-no objection ta' TM biex nibbukkjawhom. L-għeluq tal-Pjazza se jkun minn nhar it-30 ta' Lulju 2025 sas-17 ta' Awwissu 2025.

15.09.03 Rigward id-*drink*, ser ikunu qed javżawna bħala Soċjetà meta l-aħjar li jingħata id-drink mill-Kunsill, kif ukoll se jindikawlna għal kemm bejn wieħed u ieħor irridu naħsbu.

15.09.04 Rigward fjuri għal quddiem l-istatwa se jiġu ordnati bħas-soltu, u l-istess rigward l-ambulanza *stand-by* u l-*mobile toilets*.

**15.10** **Applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar**

15.10.01 Minn fost il-lista ta' applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar, imtella mill-*EAPPS* mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum, li s-S.E. ippreżentat lill-Kunsillieri, il-Kunsillieri qablu li ma hemmx dwar xhix il-Kunsill għandu joġġezzjona jew jibgħat rappreżentazzjoni

**15.11** **Korrispondenza u ordnijiet ta' xogħlijiet**

15.11.01 Fil-korrispondenza tal-Kunsillier Galea, fejn infurmana li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-lum, kien hemm żewġ punti li oħra li xtaq jinqraw waqt il-laqgħa.

Talab biex għal laqgħat li jkunu mistiedna għalihom il-Kunsillieri, bħal-laqgħa ta' qabel il-festa mas-Soċjetà Santa Marija li kienet skedata għas-17 ta' Ġunju 2025, fejn il-Kunsillieri ġew infurmati dwarha mis-Sindku permezz ta' *WhatsApp Chat*, għandhom jibdew jintbgħatu l-*calendar invites*. Dan għaliex kif ġara lilu, faċli taqbeż xi messaġġ fiċ-*chat*. Fuq din kien hemm diskussjoni, inkluż mis-SE, fejn hija spjegat li hi mhix obbligata toqgħod tfakkar dwar il-laqgħat għaliex kulħadd għandu jieħu nota hu għal dak li għandu jattendi. Anke fil-każ tagħha, li jkollha numru ta' laqgħat f'dati differenti, tieħu ħsieb li ddaħħalhom fil-*calendar* tagħha għax ħadd ma joqgħod ifakkarha dwarhom. B'mod unanimu kulħadd qabel li għandu kollox jibqa' kif inhu u kulħadd ikun responsabbli hu mid-*diary* tiegħu.

Punt ieħor kien rigward il-litter bins fil-Pjazza fil-festa, sabiex jiżdiedu għaliex imtlew malajr u hekk dak li jkun isibha iktar faċli biex jarmi fl-art. Is-Sindku spjegat li din is-sena ingħatajna madwar 20 litter bin mill-Cleansing Department, fejn tqassmu l-maġġor parti minnhom fil-by-pass u ftit fil-pjazza. It-tbattil tagħhom ikun skedat fil-ħin tat-tindif tat-toroq. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.11.02 Korrispondenza li rċevejna mingħand l-Avv Conrad Borg Manchè f'isem il-klient tiegħu s-Sur Keith Buhagiar, rigward marki tat-triq fi Triq Dun Giacomo Tortella. Is-SE qrat il-korrispondenza, fejn wara kien hemm diskussjoni dwarha fosthom li l-marki msemmija saru f'Leġislatura oħra, iżda li dawn saru bl-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsillieri qablu li għandna nwieġbu lura għal din il-korrispondenza permezz tal-avukat tal-Kunsill.

15.11.03 Korrispondenza mingħand l-*ARPA* dwar *Financial Correction* rigward il-*Heritage Trail Project*, fejn l-ammont li jidher li se jitnaqqas mhux qed jaqbel ma' dak indikat fil-korrispondenza preċedenti mingħand l-istess *ARPA*. Is-Sindku infurmat li bagħtet lill-ARPA dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

15.11.04 Korrispondenza mingħand il-kuntrattur Nexos Street Lighting, dwar l-ordni għal dawl tat-triq ġdid fi Triq Ħal Kirkop k.m. l-Isqaq biswit il-Kappella taċ-Ċimiterju. Is-SE infurmat li l-kuntrattur avżaha li qed jistenna direzzjoni mingħand l-Enemalta qabel jinstalla l-imsemmija lampa, biex jindikawlu fejn ser tiġi nstallata d-demarcation box. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.11.05 Korrispondenza mingħand *Projects Green* dwar Ġnien Onġi Onġella. Is-SE qrat il-korrispondenza u s-Sindku tat spjega dwarha, fejn hija qalet li ġiet avviċinata minn PG dwar dan il-proġett u hi talbithom jibgħatulha l-proposta tagħhom bil-miktub għad-diskussjoni fil-Kunsill. PG huma lesti li jiffinanzjaw il-proġett tal-ġnien Onġi Onġella permezz ta' diżinn ġdid, għaliex dak li kien qed jaħdem fuqu l-Kunsill huwa wieħed antik, u billi jeskludu l-iżvilupp ta' parkeġġ taħt l-art għaliex mhux viabbli meta tikkunsidra n-numru ta' parkeġġi u l-ispiża ta' madwar żewġ miljuni biex dan ikun jista' jsir. Rigward permessi, lil PG ma jieħdulhomx fit-tul biex jinħarġulhom, permezz tad-DNO (kif approvat mill-Parlament). Huma qed jaraw li l-ġnien jista' jiġi implimentata sas-sena 2026.

Filwaqt li s-Sindku esprimit li hija opportunità tajba, hija talbet lill-Kunsillieri preżenti sabiex jagħtu l-veduti tagħhom f'dan ir-rigward u hawnhekk saret diskussjoni fit-tul dwar dan. Il-Kunsillieri preżenti qablu b'mod unanimu li s-Sindku għandha titlob laqgħa ma' *Projects Green* sabiex jiġi ċċarat li fid-diżinn importanti li jkun hemm bandli għat-tfal, jikkonfermaw id-data tal-implimentazzjoni, u li jkun hemm bil-miktub li PG verament se

jiffinanzjaw u jimplimentaw dan il-proġett. Altrimenti, l-ebda permessi milli għandna s'issa m'huma se jaqgħu.

15.11.06 Korrispondenza rigward ilment fuq *road hump* fi Triq iż-Żurrieq L-Imqabba li ġiet installata riċentement u li biha qed ikun hemm ħafna emissjonijiet u ħsejjes, u li l-Kunsill għandu jibgħat lil TM sabiex din tiġi nstallata post ieħor. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew dwar dan u qablu b'mod unanimu li għandna nwieġbu lura li l-imsemmija *road hump* se tibqa' fejn hi ladarba din ġiet installata skond kif approvata minn TM li hija l-entità regolatorja.

15.11.07 Korrispondenza mingħand persuna bi bżonnijiet speċjali li talab l-għajnuna tal-Kunsill fil-*fund raising* biex ikun jista' jixtri vann addattat b'modifiki speċjali għalih. Is-Sindku qalet li għandna nispjegawlu li l-*crowd funding* li jsir min-naħa tagħna, ma jmurx għal każijiet individwali, iżda jmorru għal għan ġenerali u allura jingħataw lill-fondazzjonijiet bħal Puttinu Cares jew Community Chest Fund. Il-Kunsillieri qablu li għandna nħeġġuh jagħmel kuntatt magħhom sabiex jingħata l-għajnuna meħtieġa.

15.11.08 Korrispondenza mingħand resident fis-service road fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li għandu problema ta' aċċess tal-garage b'vetturi pparkjati wisq viċin l-entratura tal-garage tiegħu. Il-Kunsillieri preżenti ddiskutew dwar dan u qablu li għandna nweġbuh lura li l-marki tat-triq li jinkludu anke l-metru mill-koxxa tal-garage 'l barra, huma kif tippermetti l-liġi u għaldaqstant, dan huwa każ ta' infurzar.

15.11.09 Korrispondenza mingħand TM rigward talba mill-Kunsill għal Zebra Crossing fi Triq Santa Katerina biswit Pjazza tal-Knisja, fejn dawn talbuna nindikaw aħna fejn irridu li tiġi ż-zebra crossing. Il-Kunsillieri ddiskutew diversi postijiet fejn possibbilment tista' ssir, u fl-aħħar qablu b'mod unanimu li din m'hemmx fejn issir.

**15.12 Ilmenti u Suġġerimenti**

15.12.01 Il-Viċi Sindku ressaq ilment dwar il-kisi tat-triq li għadu kemm sar riċentement fi Triq Baskal Xuereb. Jidher li mit-tarmac qed jinqala' ż-żrar mal-knis u meta tpoġġa makkinarju fit-triq għal xogħol privat, baqgħet tidher il-forma tal-outriggers fit-tarmac. Il-Kunsillieri qablu li l-Viċi Sindku jipprovdi r-ritratti li juru dan sabiex jintbgħatu lill-Perit ta' Infrastruttura Malta għaliex it-triq taqa' fir-responsabiltà tagħhom.

15.12.02 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk hux se jsir il-ħasil tal-Pjazza issa li għaddiet il-festa. Is-Sindku wieġbet li iva l-ħasil se jsir din il-ġimgħa għaliex ingħata ċans sakemm jitneħħa l-armar biex ma ssirx ħsara. Il-Kunsillieri ħadu nota ta' dan.

15.12.03 Il-Kunsillier Sciberras tkellem dwar il-problema li qed jaffaċjaw diversi, speċjalment l-anzjani, biex iħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma kemm ilu li m'għadx hawn *sub-post office* fl-Imqabba. Is-Sindku fakkret li ftit ilu l-AKL kienet qed taħdem biex tara min mill-Kunsilli huwa interessat li joffri s-servizz li jilqa' l-ħlasijiet ta' dawn il-kontijiet. Is-Sindku żiedet li min-naħa tagħha reġgħet tkellmet mal-President tal-AKL dwar dan u filwaqt li infurmaha li se jaħdmu fuqha, din mhix xi ħaġa daqstant faċli li ssir. Is-Sindku ppruvat ukoll tara jekk l-*istationery* li għandna fil-lokal hux interessat li jkun *sub-post office* ukoll, iżda dan mhux interessat. Il-Kunsillieri ddiskutew fit-tul dwar dan iżda l-Kunsill ma tantx jista' jgħin wisq fil-biċċa għax jibqa' l-fatt li l-*Maltapost* hija kumpanija privata.

15.12.04 Il-Kunsillier Ghigo ressaq ilment dwar is-siġar li gguffaw għal fuq il-bankina fi Triq il-Qrendi u li huma ta' periklu għal min juża l-bankina. Is-sid tal-għalqa li hemm is-siġar fiha mhux magħruf. Il-Kunsillieri qablu l-ħaddiema tal-Kunsill jiżbru dak li qed jagħti għal ġot-triq.

15.12.05 Il-Kunsillier Ghigo ġibed l-attenzjoni dwar tappiera kwadra u kbira fi Triq San Bażilju, biswit is-Sagristija l-Antika, li qed tħabbat u qed tkun ta' nkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsillieri qablu li għandna nirrappurtaw sabiex din titranġa mill-entità konċernata.

**15.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti numru 09/15**

15.13.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 09/15 ġiet approvata.

**15.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

15.14.01 Il-laqgħa ntemmet fid-9:03 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Tlieta 22 ta' Lulju 2025 fis-5:45 pm.

Konfermati illum it-Tlieta 22 ta' Lulju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |